MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Numru. 493/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Eleno Bezzina ta’ 43 sena iben Joseph u Mary nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Lulju 1964, residenti fl-indirizz 10, Triq E. Attard, Santa Venera detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 427664(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Eleno Bezzina li permezz taghha huwa gie akkuzat:

1. talli fis-16 ta’ Frar 2000 u f’dati precedenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-ligi ghamel

falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzJoni jew tIbdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamel uzu minn tali skritturi u cioe' numru ta' cheques tal-Bank of Valletta b'valur ta' Lm868 ghad-detriment ta' Michael Pisani u ohrajn u dana bi ksur ta'l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. talli fl-istess cirkustanzi ikkometta serq ta' cheque book b'diversi cheques ghal valur ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-detriment ta' Michael Pisani, liema serq huwa kkawlifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa, u dana bi ksur ta'l-artikoli 261, 267, 268 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' cheque book b'diversi cheques ghal valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1000), mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxihom u dana bi ksur ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifika cedoli jew dokumenti ohra illi meta jigi prezentat wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jigbor depozitu jew rahan minn bank jew stabbiliment iehor pubbliku u dana bi ksur ta'l-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta'l-ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm868 bi hsara ta’ haddiehor u dana bi ksur ta’l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. talli ukoll sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie ikkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-4 ta’ Mejju 2001 sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha processwali;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa mill-prosekuzzjoni jikkonsistu primarjament fix-xhieda tal-parti leza Michael Pisani u tar-rappresentant tal-Bank of Valletta minn liema kont inharrgu ic-cekkijiet mertu ta’ dina l-kawza. Illi l-Qorti ghaddiet biex innominat lil Martin bajjada bhala espert tal-kalligrafija sabiex bil-hila u s-sengha tieghu ighin lill-Qorti tistabillixxi il-htija o meno fil-konfront ta’l-imputat.

Illi mix-xhieda tal-parti leza Michael Pisani jirrizulta illi huwa kien sab xi cekkijiet nieqsa mic-cheque book tieghu, liema cekkijiet kienu nieqsa bil-mamma b’kollox. Huwa ighid illi dana ic-cheque book kien izommu fil-karozza tieghu mohbi taht xugaman. Huwa ikompli isostni illi kien Eleno Bezzina l-uniku persuna illi huwa sellef il-vettura tieghu. Ighid ukoll illi f’xi zmien qabel ma insterqulu dawn ic-cekkijiet, l-imputat kien tallbu jurieh kif jiffirma, u hu kien ghamel dana minghajr ma lanqas biss staqsieh ir-raguni ghala kien qieghed jitolbu jaghmel hekk. Illi ghalkemm l-parrti leza tghid illi huwa sab ghaxar cekkijiet neqsin, izda ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta sabu biss hamsa minnhom, liema cekkijiet gew esbiti bhala Dokumenti B1 sa B5 fl-atti tal-kawza. Kien minhabba f’dawna ir-ragunijiet

illi Pisani ikkonkluda illi kien l-imputat li kien hadlu dana ic-cheque book.

Min-naha tieghu l-imputat, fl-istqarrija tieghu isostni illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma serq ta' dawn ic-cekkijiet u li kien certu Robert Schembri li seraq dawna ic-cekkijiet. Fil-fatt huwa isostni illi dana Schembri kellu jaghtih xi flus, u kien gablu dawna ic-cekkijiet vojta bil-firma lesta. Hu kemm mela dawna ic-cekkijiet fuq ismu u sarrafhom. Dana fil-fatt huwa ikkonfermat mix-xhud rappresentant tal-Bank of Valletta Paul Gambina li jikkonferma illi dawna ic-cekkijiet gew imsarrfa minn certu Eleno Bezzina bin-numru tal-karta ta'l-identita' 427664(M). Ghar-rigward tac-cekk li jinsab intestat f'isem certu Joe Cutajar, l-imputat ighid (cheque image jinsab esebit a fol.44 tal-process), illi huwa kellu jaghti il-flus lil dana Cutajar u ghalhekk kien kiteb dana ic-cekk f'ismu. Illi ghalkemm l-imputat ighid fl-istqarrija tieghu illi Pisani kien stqarr mieghu illi kien qed jissuspetta illi dana Robert hadlu xi cekkijiet, meta Pisani xehed quddiem il-Qorti, huwa sostna illi lil dana Robert Schembri huwa ma kienx jaf min hu, izda jaf illi kien hemm xi okkazzjoni wahda fejn kien wasslu sabiex jaghmel qadja gewwa Tas-Sliema, izda wahdu fil-karozza ma halliehx.

Illi ghandu jinghad illi dana Robert Schembri qatt ma tressaq bhala xhud f'dawna il-proceduri la mill-prosekuzjoni u lanqas mid-difiza. Il-prosekuzjoni madanakollu esbiet l-istqarrija rilaxxjata minn dana Robert Schembri fejn huwa cahad l-involviment tieghu f'dana il-kaz u stqarr illi huwa qatt ma ra ic-cekkijiet in kwistjoni.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi kien l-imputat li seraq ic-cekkijiet in kwistjoni mill-vettura ta' Pisani. Dana ma jistax jinghad madanakollu ghall-akkuzi tal-falsifikazzjoni u tal-frodi, u dana peress illi mir-rapport maghmul mill-espert tal-kalligrafija Martin Bajjada, wara li saru diversi samplings tal-kalligrafija kemm ta'l-imputat kif ukoll ta' Pisani, liema samples gew imqabbla mad-dokumenti esebiti fl-atti konsisteni kemm fic-cekkijiet mertu tal-kawza (Dokumenti B1 sa B5), kif ukoll ma' cekkijiet ohra mahruga minn

Pisani u is-sample signature moghtija lil bank meta infetah il-kont (Dokumenti B1 sa B5, G1 sa G8 u MP), huwa wasal ghal konkluzjoni illi kemm il-kalligrafija kif ukoll il-firma fuq id-Dokumenti B1 sa B5 saru kollha mill-imputat Eleno Bezzina. Illi ma hemmx dubbju ukoll illi dawn ic-cekkijiet gew imsarrfa minn Bezzina u il-flus mehuda minnu.

Illi dwar il-Ligi, l-imputat jinsab akkuzat kemm bir-reat tal-frodi kif ukoll tal-falsifikazzjoni. Illi ghar-rigward ta'l-akkuza tal-frodi jew truffa ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u tal-frodi innominat ai termini ta'l-artikolu 309, fil-ligi taghna sabiex ikun hemm il-kommissjoni ta' dawn ir-reati jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata volontarjament taghti xi haga lil-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah il-mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) – (ara sentenza Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza Appelli kriminali 12/02/1999).

Illi ghalhekk biex jisussti dana it-tip ta' reat gie ritenut kostantament fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri, 'l hekk imsejjha *mis en scene,* li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax isehh. (ara sentenza deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, Il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali

(sede inferjuri) ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-lementi ta' dana ir-reat)

Illi f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) per Imhallef Harding fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gunner Joseph Lebrun gie deciz: "Il-fatt ta' min jiffalsifika cheque u jsarrfu f'bank jikkonkreta d-delitt ta' stelljonat jew excroquerie, ghaliex hemm mhux biss l-ingann, imma ukoll l-apparat menzjonier arkitettat biex jakkredita l-ingann."

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Fil-fatt il-ligi taghna taghmel anke distinzjoni bejn il-falz ideologiku u il-falz materjali. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza mogthija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut tieghu, ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin, mentri il-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta. S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …".

Illi mill-fattispecje ta' dana il-kaz, ghalhekk jirrizulta illi l-imputat Eleno Bezzina gie fil-pusess ta' diversi cekkijiet illi kienu gew mehuda minn cheque book proprjeta ta'

Michael Pisani. Kif dawna ic-cekkijeit wasslu f'idejn l-imputat ma jirrizultax b'mod konklussiv mill-provi u cioe' jekk kien hu li seraqhom jew inkella jekk dawna gewx mghoddija lilu minn haddiehor. Huwa fatt madanakollu illi sussegwentment l-imputat iffalsifika dawna ic-cekkijiet billi melihom huwa stess favur tieghu b'ammonti ta' flus indikati fl-istess cekkijiet u iffalsifika finalment il-firma ta' Michael Pisani sabiex huwa seta isarraf dawna ic-cekkijiet. Dana johrog b'mod car u konklussiv mir-rapport ta'l-espert Martin Bajjada li min ezami akkurata maghmula tad-dokumenti li jinsabu fl-atti processwali wasal ghal konkluzjoni illi kemm il-kitba kif ukoll il-firma fuq ic-cekkijiet gew maghmula mill-imputat. Illi finalment, imbaghad l-imputat konsapevoli tal-fatt illi ic-cekkijiet kienu gew iffalsifikati minnu, uza dawna ic-cekkijiet sabiex jikseb vantagg ghalih u dana bi hsara ghal parti leza. Dana billi ipprezenta dawna ic-cekkijiet il-bank sabiex isarrafhom. Illi mill-provi migjuba fil-fatt irrizulta illi dawna ic-cekkijiet gew imsarrfa minn Eleno Bezzina u cioe' mill-imputat. Illi l-imputat fid-difiza tieghu isostni illi il-flus ma zammhomx ghalih, izda ghaddhiehom lil terzi persuni. Madanakollu dina l-prova l-imputat naqas milli iressaqha.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi ir-reati addebitati lill-imputat fl-ewwel, it-tielet u ir-raba imputazzjonijiet kollha servew bhala mezz ghall-fini tar-reat tat-truffa kommessa mill-imputat u cioe' ghal kommissjoni ta-reat kontemplat fil-hames imputazzjoni. Illi l-akkwist tac-cekkijiet segwita bil-falsifikazzjoni, kollha kienu mibnija pass wara l-iehor ghal fini finali li jkun hemm ir-reat ta' truffa. Ghalhekk ghandu japplika dak previst fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata il-piena ghar-reat l-iktar gravi, li f'dana il-kaz huwa dak tal-falsifikazzjoni ai termini ta'l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward ta'l-akkuza dwar ir-recidiva, ghandu jinghad illi l-prosekuzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar l-istess ghajr ghal fedina penali ta'l-imputat, li skond gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna, dina ma hijiex prova sufficjenti sabiex tigi stabbilita il-htija ghar-rigward

ta'l-istess u kwindi l-imputat sejjer jigi liberat minn dina l-akkuza.

Illi dwar piena, il-Qorti ma tistax tinjora il-fedina penali ta'l-imputat minn fejn jirrizulta illi l-imputat diga ikkometta reati ohra simili ghal dawk li dwarhom illum jinsab akkuzat u ghalhekk ma jidhirx illi wisq irid jirriforma hajtu. Fil-fatt bhal issa huwa qieghed jiskonta piena karcerarja u ghalhekk il-Qorti ma hijiex tal-fehma illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-kapitolu 9 jew mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 31(1), 167, 183, 184, 308, 310(1)(b), u 334(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u s-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez konnessi man-nomina ta'l-espert Martin Bajjada, fl-ammont ta' €299.35 u dana fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------